# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** _______________

**A. Għaqqad flimkien billi tagħmel numru fil-kaxxa.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | L-identità personali | | jaħseb qabel jagħmel xi ħaġa. |
| 2. | Il-belt jew raħal fejn noqgħod jissejjaħ | | turi min jien. |
| 3. | Iċ-ċittadini kollha Maltin jiffurmaw | | wirt storiku u għandna nħarsuh. |
| 4. | L-istorja ta' pajjiżna u l-fdalijiet storiċi huma | | għax ilkoll għandna t-talenti. |
| 5. | L-imħabba, l-għajnuna u r-rispett | | komunità lokali. |
| 6. | Kulħadd kapaċi għal xi ħaġa | | is-soċjetà Maltija. |
| 7. | Il-ħsara fi propjetà pubblika tissejjaħ | | tissejjaħ egoista. |
| 8. | Nisseparaw l-iskart | | huma valuri bżonnjużi f'ħajjitna. |
| 9. | Persuna li taħseb għal rasha | | vandaliżmu. |
| 10. | Min hu responsabbli | | biex inħarsu l-ambjent. |

**(1 x 10 = 10 marki)**

**B. Semmi TNEJN.**

1. Mill-ħaddiema fl-iskola: ______________________________
2. Min-nies li jgħinuk: ______________________________
3. Mid-dmirijiet tiegħek: ______________________________
4. Min-nies li għenuk fis-soċjalizzazzjoni: ______________________________
5. Mill-iskopijiet ta' l-edukazzjoni: ______________________________

**(2 x 5 = 10 marki)**

**Ċ. Aqra u wieġeb il-mistoqsijiet.**

Ilkoll kemm aħna ngħixu f'komunità lokali, jiġifieri f'xi belt jew raħal, immexxi mill-Kunsill Lokali. Iżda aħna wkoll nagħmlu parti minn komunità nazzjonali jew is-soċjetà Maltija. Għalhekk għandna l-bandiera tagħna, bi gvern li jmexxi l-pajjiż, u President Malti, li hu l-Kap ta' l-Istat ta' Malta. Ilkoll inħobbu lil pajjiżna u nħarsuh billi nżommuh nadif u aħna kburin bl-istorja ta' dan il-pajjiż tagħna. Iżda pajjiżna jieħu sehem ukoll f'għaqdiet internazzjonali, bħall-Unjoni Ewropea, għaqda tal-pajjiżi fl-Ewropa, kif ukoll tal-Ġnus Magħquda, għaqda tal-pajjiżi kollha tad-dinja. Bħalma ġara dan l-aħħar fil-każ tat-terrimot fl-Asja, il-Maltin urew solidarjetà billi bagħtu l-għajnuna tagħhom lin-nies milquta minn dan id-diżastru għax dawn huma bnedmin bħalna wkoll.

1. X'inhi komunità lokali?

______________________________

2. X'inhi komunità nazzjonali?

______________________________

3. Semmi żewġ simboli ta' pajjiżna.

______________________________

4. X'jissejjaħ il-Kap ta' l-Istat ta' Malta?

______________________________

5. Semmi żewġ rwoli tal-gvern.

______________________________

6. Kif nistgħu nuru li aħna kburin b'pajjiżna?

______________________________

7. Semmi għaqda li Malta saret membru fiha flimkien ma' pajjiżi oħrajn Ewropej.

______________________________

8. Semmi għaqda internazzjonali li Malta hija membru fiha wkoll.

______________________________

9. Għaliex għandna d-dmir li ngħinu lil dawk li huma fil-bżonn bħal dawk maħrubin minn pajjiżhom minħabba l-persekuzzjoni u l-gwerer?

______________________________

10. Ħafna Maltin ukoll kienu siefru biex isibu x-xogħol u l-futur ġdid. X'jissejħu?

______________________________

**(2 x 10 = 20 marka)**

**D. X'jissejħu dawn?**

1. Iżuru pajjiżna u jonfqu flushom u b'hekk jipprovdulna x-xogħol. ______________
2. Dawn tawna l-ewwel tagħlim ta' ħajjitna u jħobbuna. ______________
3. Illum kbar fl-età imma ħadmu għalina qabel u jixraq li nirrispettawhom.

______________

4. Mezz ta' komunikazzjoni li jinfluwenzaw l-imġiba tagħna, l-aktar bir-riklami. ______________________

5. Iħajruna biex nixtru, imma mhux dejjem ikunu kif jidhru. ______________________

**(1 x 5 = 5 marki)**

**E. Kompli dawn is-sentenzi biex jagħmlu sens.**

1. L-oħrajn jagħrfuni mill-identità tiegħi għax din ______________________.
2. Insaħħaħ il-karattru tiegħi billi______________________.
3. Inħoss il-bżonn li nibni relazzjoni ma' l-oħrajn għax______________________ ______________________.
4. Mhux ngħid tiegħi biss imma nisma' lill-oħrajn għax ______________________ ______________________.
5. Il-familja hija l-ewwel komunità fis-soċjeta għax ______________________ ______________________.

**(2 x 5 = 10 marki)**

**F. X'differenza hemm bejn:**

1. Nikber u niżviluppa fiżikament u mentalment______________________ ______________________.
2. Il-mediċina li jtini t-tabib u droga ta' abbuż______________________ ______________________.
3. Komunità familjari u komunità lokali______________________ ______________________.
4. Xogħol manwali u xogħol mentali______________________ ______________________.
5. Ambjent naturali u ambjent storiku ______________________ ______________________.

**(2 x 5 = 10 marki)**

**Ġ. Kulħadd jaqbel li l-ambjent huwa tagħna lkoll u jeħtieġ li nħarsuh għall-ġid tagħna u ta' saħħitna. Ikteb sentenza b'kull kelma minn dawn biex turi li taf tħares l-ambjent.**

1. Saħħa ______________________
2. Nisseparaw ______________________
3. Tniġġis ______________________
4. Riċiklaġġ______________________
5. Turisti______________________

**(1 x 5 = 5 marki)**

**G. Kieku int x'kont tagħmel?**

1. Jekk jitolbuk l-għajnuna refuġjati li sabu kenn f'Malta.

_______________________________________________

2. Jekk tiltaqa' ma' xi ħadd anzjan jew b'tarbija li jitla' fuq il-karozza tal-linja u ma jkunx hemm post bilqiegħda.

_______________________________________________

3. Meta jinqala' xi argument fil-familja.

_______________________________________________

4. Meta tiltaqa' ma' xi ħadd ta' kultura u reliġjon differenti.

_______________________________________________

5. Meta l-ġenituri jgħidulek li programm fuq it-T.V. mhux adattat għalik.

_______________________________________________

**(2 x 5 = 10 marki)**

**GĦ. X'taf fuq Malta tagħna?**

1. Liema huma l-gżejjer ta' l-arċipelagu Malti?

_______________ _______________ _______________

2. X'jisimhom ż-żewġt ibliet kapitali ta' Malta?

_______________ _______________

3. Malta hi mdawwra b'żewġ kontinenti. Liema huma?

_______________ _______________

4. Liema huma l-kuluri tal-bandiera Maltija?

_______________ _______________

5. Liema huma ż-żewġ lingwi uffiċjali ta' pajjiżna?

_______________ _______________ **(1 x 5 = 5 marki)**

**H. Ikteb madwar 100 kelma fuq WIEĦED minn dawn li ġejjin:**

1. Il-ħbieb veri huma l-ġenituri u l-għalliema tiegħi.
2. Bniedem mingħajr edukazzjoni huwa fqir. X'jiġifieri?
3. It-televiżjoni u l-mowbajl: vantaġġi u żvantaġġi.
4. Fis-soċjetà għandna bżonn ngħixu ma' l-oħrajn. Min huma dawn u kif jgħinuna?
5. Din is-sena l-iskola għamilt xi proġett jew mort xi ħarġa kulturali. Tkellem dwarha u għid x'tgħallimt minnha. **(15-il marka)**